**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-HAMIS 27 TA’ GUNJU, 2002**

**Avviz Numru 848/02 AJD**
**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Kenneth Hartley**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm132.00) rappresentanti import ta’ zewg kambjali, wahda ta’ Lm58.00 (bilanc) u wahda ta’ Lm74.00, debitament accettati u skaduti minn Settembru 200 sa Ottubu 2000 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 u 2).

Bl-imghax legali mid-data ta’ kull kambjala li sad-19 ta’ Frar 2002 jammontaw ghal Lm16, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi awk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu 2001 kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal tlita u tletin lira Malltin (Lm33.00).

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr.Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’  tlieta u tletin lira Maltin (Lm33.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**